Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1215/2010

**GO p.l.c.**
**C-22334**

**vs**

**General Engineering & Construction (Geocon) International Limited**
**C-36865**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija disgha u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€499.48c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru *21470604* skond kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok. A.

Illi s-sojeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe' mis-6 ta' Lulju, 2009 kontra s-Socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija disgha u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€499.48c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------